**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-31 TA' JANNAR 2019**

**Kawza fil-lista numru : 7**

**Rik. Ġur. Nru. 648/2018 RGM**

**360 Retail Supplies Limited**
**Vs**
**FAD Enterprises Co. Ltd**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici li permezz tieghu qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' merci ordnata mis-socjeta' konvenuta kif ukoll danni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta fejn preliminarjament eccepiet l-eccezzjoni tal-*privilegium fori* "stante illi l-konvenuta FAD Enterprises Co. Ltd. hija residenti Ghawdex u dana hekk kif jirrizulta mir-rikors guramentat stess u ghalhekk dina l-kawza ghandha tinstema fil-Qorti ta' Ghawdex."

Semghat it-testimonjanza ta' Jonathan Sciberras fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2018.

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet matul l-istess udjenza dwar l-eccezzjoni preliminari.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-*privilegium fori.*

Ikkonsidrat;

**Eccezzjoni tal-Privilegium Fori.**

Ma hux kontestat illi s-socjeta' konvenuta ghandha l-ufficju registrat taghha gewwa Ghawdex.[1]

Is-socjeta' attrici tikkontendi illi l-merci odnati mis-socjeta' konvenuta gew ordnati mis-socjeta' konvenuta sabiex jigu konsenjati Malti.

Jonathan Sciberras, direttur tas-socjeta' attrici, xhed illi l-merci odrnata mis-socjeta' konvenuta kienet tikkonsisti fost l-ohrajn minn trolleys li kellhom jigu konsenjati gewwa supermarket fil-Mosta li s-socjeta' konvenuta kienet ser tiftah. In sostenn ta' dan ghamel referenza ghall-kopja tal-invoices relativi annessi mar-rikors guramentat fejn jirrizulta illi l-invoices kienu

[1] Ara l-Memorandum & Articles of Association a fol. 18

indirizzati lis-socjeta' konvenuta gewwa l-indirizz "Big Bon Establishment, Naxxar Road, Birkirkara."

Is-socjeta' konvenuta ma resqet l-ebda prova sabiex tikkuntrasta t-testimonjanza ta' Jonathan Sciberras u baqghet issostni illi stante li l-ufficju registrat tas-socjeta' konvenuta huwa f'Ghawdex, hija kellha tigi mharka fil-Qorti ta' Ghawdex.

Ikkunsdrat;

**Konsiderazzjonijiet**

Bl-eccezzjoni li qeghda tigi deciza bis-sentenza tal-lum, is-socjeta' konvenuta eccepiet l-eccezzjoni tal-*privilegium fori* ghaliex issostni illi stante li l-ufficju registrat taghha jinsab Ghawdex il-kawza kellha tigi istitwita fil-Qorti ta' Ghawdex.

L-artikoli tal-ligi rilevanti ghad-determinazzjoni tal-eccezzjoni in dizamina huma s-segwenti.

**Art 50 tal-Kap 12** jipprovdi illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) hija kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' kawzi istitwiti kontra " … l-persuni li joqoghdu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta` Ghawdex jew ta` Kemmuna, kif ukoll ta` dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-qorti."

**Art 741(c) tal-Kap 12** :- "L-eccezzjoni ta` l-inkompetenza tal-qorti tista` tinghata … meta huwa moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari."

**Art 767 tal-Kap 12** :- "Il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqoghdu fil-Gzira ta` Malta rigward il-qrati ta` dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil-Gzejjer ta` Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta` dawk il-Gzejjer.".

**Art 770 tal-Kap 12** :- `Il-privilegium fori jispicca wkoll fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari`.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta` Mejju 1994 fl-ismijiet "**Alfred Cremona et vs Vanda armla Bradshaw**" :- "L-artikolu 50 tal-Kapitolu 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati ghal Ghawdex hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta` kull pretensjoni kontra l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza odjerna taghhom fil-gzira ta` Ghawdex jew Kemmuna. Minn dawn il-provvedimenti u minn artikoli ohra rilevanti fl-istess Kapitolu 12 jirrizulta illi l-kompetenza hi determinata mir-residenza tal-konvenut f`kawza bl-eccezzjoni tal-kaz li l-kawza tkun dwar l-obbligazzjoni li skond il-ftehim relattiv kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari."

Mill-provi mressqa mis-socjeta' attrici fir-rigward tal-eccezzjoni in dizamina jirrizulta sodisfacentement illi l-mertu tal-kawza jitratta obbligazzjoni ta' bejgh u konsenja ta' merci li kelllha tigi ezegwita gewwa Malta. Ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 770 tal-Kap. 12 il-*privilegium fori* vantat mis-socjeta' konvenuta spicca u konsegwentement il-Qorti kompetenti sabiex tisma' l-kawza odjerna hija l-Qorti fejn l-obbligazzjoni mertu tal-kawza odjerna kellha tigi ezegwita' u cioe' f'Malta.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta billi tichadha u tiddikjara ruhha kompetenti li tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna.

L-ispejjez ta' din is-sentenza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

Tordna l-prosegwiment tat-trattazzjoni tal-kawza fil-mertu.

**Onorevoli Robert G. Mangion**

**Imħallef**

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistraur**